**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 6**

L-Erbgħa, 8 ta' Frar 2023

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.41 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 5, li saret fit-23 ta' Novembru 2022, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR JESMOND GATT GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-BORD TAL-GVERNATURI TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI (MFSA)**

Il-President tal-Kumitat irrefera għal ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor Clyde Caruana, datata 12 ta' Jannar 2023, dwar in-nomina tas-Sur Jesmond Gatt għall-ħatra ta' Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Il-Kumitat stieden lis-Sur Jesmond Gatt sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Jesmond Gatt kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Jesmond Gatt daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Gatt li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Jesmond Gatt ta rendikont tal-karriera tiegħu fis-settur finanzjarju. Hu qal li ħadem għal 37 l-Bank Ċentrali, għamel tliet snin membru tal-Bord tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u għal tliet snin okkupa l-kariga ta' Chairman tal-FIAU. Fil-preżent kien qed jokkupa l-kariga ta' CEO tal-Malta Government Investments.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina fetaħ id-diskussjoni billi talab lis-Sur Gatt jikkonferma li m'għadux Chairman tal-Bord tal-FIAU u lanqas mal-Bank Ċentrali. Is-Sur Gatt ikkonferma dan u qal li fil-preżent qed jaħdem f'kariga oħra. Meta ġie mistoqsi kif l-esperjenza tiegħu ser tgħinu fil-kariga l-ġdida, is-Sur Gatt spjega kif tul il-karriera tiegħu fil-Bank Ċentrali, dejjem kien hemm sabiex jiġu implimentati liġijiet u direttivi; kien parti mit-team tal-Eurosystem fi ħdan il-Malta Stock Exchange u insurances, u l-esperjenza tiegħu fis-settur tal-informatika ġie applikat anke fis-servizzi finanzjarji. Is-Sur Gatt enfasizza li l-informatika hija ċ-ċavetta ta' kull pass li qed isir fi kważi kull settur.

Meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li bidel il-karriera wara 37 sena , is-Sur Gatt wieġeb li xtaq bidla fil-karriera u kien hemm vakanza fil-kumpanija fejn qed jaħdem preżentement. Id-diskussjoni ssoktat dwar l-importanza tat-trasparenza f'awtoritajiet bħall-MFSA, id-delikatezza li ġġorr magħha pożizzjoni f'Awtorità bħal din u l-fatt li għalkemm huwa importanti li wieħed jiddiskuti ċerti każijiet, fil-parametri permessi, irid ikun hemm bilanċ bejn dak li hu privat u dak li jista' jkun ippubblikat.

Fil-5.48 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Jesmond Gatt u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Is-Sur Jesmond Gatt irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.49 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-5.55 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Jesmond Gatt għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-5.56 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Jesmond Gatt jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Jesmond Gatt daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

Fis-5.57 p.m. is-Sur Jesmond Gatt irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAL-PERIT VINCENT CASSAR GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-BORD TAL-AWTORITÀ TAL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor Miriam Dalli, datata 25 ta' Jannar 2023, dwar in-nomina tal-Perit Vincent Cassar għall-ħatra ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Il-Kumitat stieden lill-Perit Vincent Cassar sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li l-Perit Cassar kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Il-Perit Vincent Cassar daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Perit Cassar li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Il-Perit Vincent Cassar ta rendikont tal-karriera tiegħu. Hu qal li għamel numru ta' snin jaħdem bħala perit il-Public Works, kif ukoll segretarju permanenti għal ministeri differenti. Kien Chairman tal-MEPA, kif kienet magħrufa dak iż-żmien qabel id-demerger, għal numru ta' snin, u ħadem fl-istess Ministeru bħala Aġent Direttur tad-Dipartiment tal-Ambjent. Għamel żmien ukoll jaħdem bħala perit għal rasu, u għal dawn l-aħħar sitt snin, kien iċ-Chairperson tal-Planning Board fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar, sakemm skadielu t-terminu f'April 2022.

Id-diskussjoni bdiet billi l-Perit Vincent Cassar fakkar li fiż-żmien ta' meta kien jaħdem il-Public Works, dak kien l-ewwel dipartiment li beda jaħdem lejn il-futur tal-waste management, u hu maħsub li hemmhekk bdiet il-funzjoni tal-Wasteserv kif nafuha llum. Ġiet diskussa wkoll l-importanza tal-komunikazzjoni mal-pubbliku għax il-kuntatt kontinwu man-nies jgħallem fejn il-policies qed jaħdmu u fejn mhumiex.

L-Onor. Adrian Delia rrimarka li l-ġenerazzjoni żagħżugħa hija ferm iktar konxja tal-ambjent u jżommuh għal qalbhom, u li llum hemm iktar kuxjenza li hemm xi ħadd qed jiddefendi lil min għandu għal qalbu l-ambjent. Il-Perit Cassar saħaq fuq kemm hu importanti s-servizz ta' customer care fi ħdan l-ERA u li għandhom jissaħħu r-relazzjonijiet mal-pubbliku kif ukoll mal-NGOs tal-ambjent.

Ġiet diskussa wkoll il-pożizzjoni tal-ERA fejn jidħol l-istat ta' emerġenza fir-rigward tal-klima, u li għalkemm il-Parlament Malti ddikkjara dan tliet snin ilu, ftit li xejn sar progress f'dak ir-rigward. Meta kien mistoqsi jekk hux lest jieħu azzjoni sabiex isir progress, il-Perit Cassar innota li l-ERA m'għandhiex is-saħħa tal-liġi warajha, iżda l-Ministru Dalli lesta taħdem f'dan ir-rigward u hi stess tixtieq tara progress.

Fis-6.45 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lill-Perit Vincent Cassar u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Il-Perit Vincent Cassar irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.45 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-6.47 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tal-Perit Vincent Cassar għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-6.48 p.m. il-Kumitat stieden lill-Perit Vincent Cassar jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Il-Perit Vincent Cassar daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

Fis-6.49 p.m.il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**